MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Numru. 530/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Louis Gatt, 39 sena, iben Alfred u Josephine nee` Cini, imwieled Pieta nhar it-8 ta' Lulju, 1968 u li joqghod nru. 9, Triq il-Bacir, Msida, detentur ta' karta tal-identita` nru 305168M**

Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Louis Gatt u cioe' talli fid-19 ta' Awissu, 2007 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer, xjentament, laqa ghandu jew xtrar hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggett kien jikkonsisti f'*mobile phone* tal-marka Samsung li l-valur tieghu ma jeccedix l-elfejn

tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (E2329.37).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax issibu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghi li mhijiex xi wahda allarmanti u l-fatt illi l-mobile phone in kwistjoni gie ritornat lil sidu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' ssib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq mghamula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------